**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

# GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 8 TA' MARZU, 2002

**Numru: 2**

**Avviz Nru: 1622/02 AE**

**Vodafone Malta Limited**

**vs**

**Blitz Electronic Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' sitt mija u disgha u hamsin lira Maltija u disgha centezmi (Lm659.09) hlas ghal servizzi rezi mis-socjeta attrici in konnessjoni mal-mobile phone bin-numru 0949 3030.

Ra li s-socjeta konvenuta ghalkemm debitament notifikata (fol. 10) naqset milli tikkontesta l-kawza u milli tidher ghas-seduti tal-1 ta' Marzu 2002 u tal-lum.

Semgha lill-avukat Dr. Beppe Fenech Adami in rapprezentanza tas-socjeta attrici, jikkonferma bil-gurament l-avviz tat-talba kif ukoll li l-ammont mitlub ghadu kollu dovut.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jilqa' t-talba tas-socjeta attrici u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas is-somma ta' sitt mija u disgha u hamsin lira Maltija u disgha centezmi (Lm659.09), bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez kollha (inkluzi d-drittijiet legali) huma ghak-karigu tas-socjeta konvenuta.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**